MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 578/2006/1

**Mira Motor Sales Limited**

**v.**

**Melita Insurance Brokers Limited u b'digriet tal-11 ta' Ottubru 2011 l-isem tal-konvenuta gie mibdul f'Melita Unipol Insurance Brokers Ltd.**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'rikors guramentat pprezentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju, 2008 Joseph Zammit ghal Mira Motor Sales Limited, iddikjara:

1. Illi l-partijiet Mira Motors Sales Limited u Melita Insurance Brokers Limited kienu *shareholders* fis-socjeta` *Auto Repairs & Services Limited*, kull wiehed minnhom kellhom hamest elef u mitejn *share* (5,200) ta' Lira Maltija kull wahda *fully paid up;*

2. Illi ghalhekk f'Jannar 2002 il-partijiet kienu ftehmu u qablu li s-socjeta` Mira Motor Sales Limited kellha tbiegh l-ishma kollha taghha fis-socjeta` *Auto Repairs & Services Limited* lil Melita Insurance Brokers Limited ghall-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf u hames mitt Lira Maltija (Lm22,500) u dan kif gie debitament registrat fil-kotba tal-kumpanija;

3. Illi s-socjeta` intimata kienet ftehmet u qablet li tixtri x-*shares* appartenenti lil Mira Motor Sales Limited ghal ammont indikat bil-miktub, kif jidher ukoll mill-korrispondenza annessa;

4. Illi dan il-bejgh ma kienx soggett ghal xi kundizzjoni partikolari;

5. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti bi ftehim ma' l-intimati kienet waqqfet kull involviment li kellha fis-socjeta` *Auto Repairs & Services Limited* u kienet ipprokurat lill-kotba tal-kumpanija jghaddu f'idejn l-intimati;

6. Illi ghalkemm interpellati bosta drabi sabiex thallas u tirregistra t-trasferiment mar-registratur tal-kumpaniji, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

7. Illi ricentement l-intimata ppretendiet li xxolji l-kumpanija filwaqt li fl-istess hin ippretendiet li l-bejgh kien soggett ghal finanzjament tal-bank liema finanzjament, skont l-intimati qatt ma gie;

8. Illi l-intimati ghalhekk qeghdin jghidu li ma ghandhomx ihallsu il-prezz tat-trasferiment tal-ishma u di piu` li r-rikorrenti ghandhom jikkontribwixxu ghall-passivi tal-kumpanija; u illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

9. Illi kagun tal-agir tal-intimati r-rikorrenti sofrew danni liema danni jinkludu l-prezz li kellu jithallas.

Dan premess is-socjeta` rikorrenti talbet li dik il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna ohra:

1. Tiddikjara li s-socjeta` Melita Insurance Brokers Limited xtrat ix-*shares* fis-socjeta` *Auto Repairs & Services Limited* appartenenti lil Mira Motor Sales Limited bi ftehim tal-10 ta' Jannar 2002.

2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf u hames mitt Lira Maltija (Lm22,500) dovuti fuq il-bejgh tal-ishma bl-imghax minn Jannar 2002 sad-data ta' pagament effettiv;

3. Tiddikjara inoltre li s-socjeta` Melita Insurance Brokers Limited hija responsabbli ghad-danni kagunati lis-socjeta` rikorrenti, minhabba l-inadempjenza kontrattwali taghha;

4. Tillikwida d-danni kkaguni [recte ikkagunati] lis-socjeta` rikorrenti;

5. Tordna lis-socjeta` intimata thallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta` rikorrenti, bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv;
Bl-ispejjez u l-ingunzjoni tas-socjeta` intimata.

Is-socjeta` intimata intavolat ir-risposta taghha fl-4 ta' Dicembru, 2006 fejn eccepiet:-

Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi mhuwiex minnu li kien intlahaq ftehim ghall-bejgh jew xiri tal-ishma tas-socjeta` rikorrenti, izda kien hemm biss diskussjonijiet avvanzati soggetti dejjem ghal kundizzjoni espressa ta' finanzjament;

2. Illi ftit jiem wara li giet esplorata l-possibilita` ta' finanzjament bankarju li gie rifjutat is-socjeta` rikorrenti

giet infurmata li ma setghux ikomplu ghaddejjin bid-diskussjonijiet ghax-xiri tal-ishma.

3. Illi sussegwentement saru diversi trattattivi dwar possibilita` li terza persuna tixtri l-ishma tas-socjeta` rikorrenti biss dawn qatt ma gew konkluzi.

4. Illi s-socjeta` intimata qatt ma ffirmat xi skrittura relattiva ghat-trasferiment ta' ishma kif allegat mis-socjeta` rikorrenti u dan kif rikjest mil-Ligi u ghalhekk kwalunkwe ftehim, anki kundizzjonali, li seta' kien hemm huwa bla effett *ai fini* u effetti tal-Ligi.

5. Illi s-socjeta` rikorrenti baqghet attiva fil-kumpanija *Auto Repairs & Services Limited* wara li gie terminat dan il-ftehim kif ser jigi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi s-socjeta` rikorrenti qatt ma interpellat lis-socjeta` intimata sabiex tersaq fuq dan it-trasferiment ta' ishma.

7. Illi s-socjeta` rikorrenti qajmet dawn il-pretensjonijiet abbazi ta' dan il-ftehim ricentement wara li giet infurmata li s-socjeta` *Auto Repairs & Services Limited* kellha tigi xolta.

8. Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim' Awla tal-Qorti civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-16 ta' Frar, 2008 bil-mod segwenti:

*"Ghal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata li mhuwiex minnu li kien intlahaq ftehim ghall-bejgh jew xiri ta' l-ishma tas-socjeta` rikorrenti, izda kien hemm biss diskussjonijiet avvanzati soggetti dejjem ghal kondizzjoni espressa ta' finanzjament.*

*"Tilqa' wkoll ir-raba' u s-sitt eccezzjoni li s-socjeta` intimata qatt ma ffirmat xi skrittura relattiva ghat-*

*trasferiment ta' ishma kif allegat mis-socjeta` rikorrenti u dan kif rikjest mil-Ligi u ghalhekk kwalunkwe ftehim, anki kondizzjonali, li seta' kien hemm huwa bla effett ai fini u effetti tal-Ligi; u li s-socjeta` rikorrenti qatt ma interpellat lis-socjeta` intimata sabiex tersaq fuq dan it-trasferiment ta' ishma.*

*"Naturalment tichad it-talbiet rikorrenti.*

*"Spejjez kontra s-socjeta` rikorrenti."*

Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"Rat l-affidavit ta' Joseph Zammit direttur ta' Mira Motor Sales Limited li fih issemma li f'Mejju 1996 is-socjeta` rikorrenti iffurmat il-kumpanija *Auto Repairs & Services Limited* (ARS) flimkien mas-socjeta` Melita Insurance Brokers Limited. Il-kumpanija kienet toffri servizz ta' tiswija lill-vetturi. Iz-zewg kumpaniji kellhom sehem indaqs ta' 5,200 *share* fil-kumpanija ARS. Kellhom ukoll it-tnejn zewg diretturi fuq il-bord. Fuq in-naha ta' Melita Insurance Brokers kien hemm Frank V. Fenech li kien ic-*chairman* u l-*managing director*, u Frank X. Fenech waqt li min-naha ta' Mira Motor Sales kien hemm ix-xhud u huh Paul (li eventwalment gie sostitwit minn huh l-iehor, Victor Zammit). Qal ukoll li l-*Financial Controller* tas-socjeta` Mira Motor Sales Ltd sar il-*Company Secretary* ta' l-ARS. Spjega li ghalkemm fil-bidu l-ARS kienet sejra tajjeb u kellha bizzejjed negozju, gara li wara li nbidel il-prassi fis-suq ghar-riparazzjonijiet tal-vetturi, l-ARS qatt ma giet klassifikata bhala *Approved Garage* peress li l-*Managing Director* kien oggezzjona ghal dik il-klassifikazzjoni. Ghalhekk bdiet titlef in-negozju u naqsilha l-qligh. Ghalhekk fl-ahhar tas-sena 2001, u senjament waqt laqgha tal-*board of directors* fil-5 ta' Dicembru 2001, ix-xhud ghan-nom ta' Mira Motor Sales Limited iddikjara li ma kellhom ebda intenzjoni jkomplu joperaw fis-socjeta` ARS u ghalhekk issuggerixxa li din is-socjeta` tigi xolta. Fil-fatt dak iz-zmien il-kumpanija kienet ghadha qed taghmel qligh. Min-naha l-ohra Frank V. Fenech u Frank

X. Fenech ma riedux jillikwidaw l-istess kumpanija u talbuhom zmien sabiex jikkonsultaw ma' l-azzjonisti l-ohra fis-socjeta` konvenuta. Fil-laqha straordinarja tat-18 ta' Dicembru 2001, l-MIB offriet li tixtri s-sehem tal-Mira fl-istess kumpanija, u huma accettaw. Fil-fatt qablu li jiltaqghu dwar il-*Purchase consideration of the shareholding of Mira Motor Sales Co. Ltd in the company* fejn qablu li jithallas l-ammont ta' Lm22,500 ghas-sehem tas-socjeta` Mira Motor Sales Ltd fl-ARS. Minn dak in-nhar is-socjeta` Mira Motors Sales Ltd waqfet ikollha x'taqsam mas-socjeta` ARS, tant li s-segretarju tal-kumpanija (li kien ukoll *financial controllor* ta' Mira Motors Sales Ltd) irritorna l-ktieb tal-minuti lid-diretturi l-ohra ta' l-ARS u hu u huh waqfu jkollhom x'jaqsmu mal-kumpanija tant li waqfu jattendu ghal-laqghat tad-diretturi u fil-fatt kienu waqfu jinfurmawhom b'dawn il-laqhat. Ukoll, fl-ispirtu tal-ftehim milhuq, hu u huh Victor, kienu accettaw li ma jibqghux bhala "firmatarji" tal-kumpanija ARS kemm ghall-finijiet ta' tranzazzjonijiet bankarji kif ukoll ghal finijiet ohra. Fil-frattemp inkarigaw lill-avukat taghhom, Dr. George Abela, jabboza kuntratt sabiex jigi finalizat il-procedura tal-bejgh. F'dan l-abbozz huwa irrediga l-modalita` tal-hlas kif kien miftiehem bejniethom u cioe`, li Lm10,000 kellhom jithallsu fuq il-kuntratt; waqt li l-bqija kien jithallas bl-interessi fi zmien sentejn u ghalhekk kellhom jinghataw kambjala sabiex ikopru l-interessi taghhom. Din l-iskrittura damet xi zmien biex tinkiteb peress li huma kienu ghamlu diversi bidliet fil-modalita` tal-hlas. Ghalhekk huma minn Jannar 2002 ma kellhom xejn x'jaqsmu mas-socjeta` ARS. Min-naha taghhom kienu ikkuntatjaw lil- Melita Insurance Brokers Ltd kemm-il darba sabiex jiffirmaw il-kuntratt.

"Xehed <u>Joseph Zammit</u> in kontro ezami fejn qal illi dak iz-zmien l-*insurance compounds* kienu qed jinsistu li biex ikollok ix-xoghol li jkun maghluq f'garaxx tat-tiswiijiet tal-karozzi. Dwar it-tieni paragrafu ta' l-affidavit fejn jissemmew li f'din il-laqgha qablu li Melita Insurance Brokers Limited kienet ser thallas l-ammont ta' Lm22,500 qal li hu kien talabhom Lm25,000, irrangaw u waslu fuq Lm22,500 u kienu ftehmu u hadu b'idejn xulxin. Kien hemm ukoll l-erba' *shareholders* f'dan il-*meeting*. Sostna li

kien hemm l-irgulija u wara kellu jsir il-kuntratt. Qatt ma ltaqghu mas-Sur Fenech u Dr. Abela.

“Gie prezentat affidavit ta’ Karm Borg *financial controller* tas-socjeta` Mira Motor Sales Limited li fih issemma li hu sar il-*Company Secretary* tas-socjeta` *Auto Repairs & Services Limited* (ARS) fis-sena 1999 u fost affarijiet ohra hu kien jiehu hsieb tal-minuti tas-socjeta` u jsejjah il-laqghat. Qal li ftit wara l-laqgha tad-9 ta’ Jannar 2002, mar fuqu d-direttur Frank X. Fenech u talbu l-ktieb tal-minuti, registru tas-socji u d-dokumenti finanzjarji li kellu tal-kumpanija u dana peress li huma (is-socjeta` Melita Insurance Brokers) kienu ftehmu li jixtru l-kumpanija. Ghalhekk hu tahom l-affarijiet li talbu. Spjega wkoll li waqaf jaghmel xoghol ghal dik is-socjeta`, u dan peress li kienu bieghu l-ishma ta’ Mira Motors Sales Limited lil Melita Insurance Brokers Ltd u ghalhekk ma kellu l-ebda interess fl-amministrazzjoni ta’ l-ARS. Minn dak in-nhar ’l hawn hu qatt ma gie konsultat dwar l-andament tal-kumpanija u qatt ma kien informat bil-*meetings*. Wara dik il-laqgha hu kien jikkorrispondi mal-avukat ta’ Mira Motor Sales Limited u mad-diretturi ta’ Melita Insurance Brokers sabiex jabbozzaw l-iskrittura ghall-bejgh.

“Gie prezentat l-affidavit ta’ Frank Xavier Fenech li fih ikkonferma li hu kien wiehed mid-diretturi tas-socjeta` Melita Insurance Brokers Limited li kienet azzjonista fis-socjeta` Auto Repairs and Services Limited. Ikkonferma wkoll li l-azzjonista fis-socjeta` Mira Motor Sales Limited rappresentata mill-ahwa Zammit. Qabel li f’Dicembru 2001 Mira Motors Sales Limited permezz tad-diretturi taghha kienu infurmaw lill-*board* ta’ l-ARS li huma ma riedux ikomplu bi shab f’dan il-kumpanija u fil-fatt riedu jxolju l-kumpanija. Min-naha l-ohra d-Diretturi li jirrappresentaw lil Melita Insurance Brokers dehrilhom li ghall-ammont ta’ flus sostanzjali li huma investew fil-kumpanija ma kellhiex tigi xolta. Qabel ukoll li fil-laqgha sussegwenti, Joseph Zammit kien staqsa jekk kienux interessati li jixtru sehemhom u li Melita Insurance Brokers kienet esprimiet il-hsieb li tixtri l-ishma taghhom, dejjem jekk il-kundizzjonijiet ikunu tajbin u l-bank jislifhom il-flus. Mhux veru li kien hemm ftehim fuq il-prezz, fil-fatt kellu jinhadem

minn awditur u hu ikkonferma li sa fejn kien jaf hu lanqas sa dan l-istadju ma kienu waslu. Fil-fatt ma kellux u lanqas qatt ma kellu xi dokumentazzjoni li turi dawn il-workings. Zied jghid li hu kien jaf ghaliex qallu ibnu Richard Fenech stess li ibnu kien interessat li jixtri l-kumpanija u li kien qed jitkellem ma’ Joseph Zammit ukoll. Hu iddikjara li ma jiftakarx li qatt rcieva dan l-abbozz ta’ Dr. George Abela. Finalment qal li d-diretturi tal-Mira Motor Sales Ltd qatt ma irrizenjaw mill-kariga taghhom ta’ diretturi qabel l-2006. L-ewwel wiehed li kien irrezenja kien Victor Zammit. Zied li kieku kien hemm ftehim, negozjant bhal Joseph Zammit fuq medda ta’ hames snin kien zgur jaghmel minn kollox biex jigbor flusu.

“Gie prezentat affidavit ta’ <u>Frank Vincent Fenech</u> fejn fih ikkonferma li hu kien wiehed mid-diretturi tas-socjeta` Melita Insurance Brokers Limited li kienet azzjonista fis-socjeta` Auto Repairs and Services Limited. Semma li fl’laqgha, Joseph Zammit kien staqsa jekk kienux interessati li jixtru sehemhom u li Melita Insurance Brokers kienet esprimiet il-hsieb li tixtri l-ishma taghhom, dejjem jekk il-kundizzjonijiet ikunu tajbin u l-bank jislifhom il-flus. Ma qabilx li ntlahaq ftehim dwar dan, fil-fatt ma hemm xejn imkien imnizzel dwar il-ftehim li ntlahaq jew il-kundizzjonijiet marbuta ma’ dan il-ftehim. Hu ma jafx dwar il-laqgha li jsemmi Joseph Zammit fl-affidavit tieghu li allegatament inzammet fid-9 ta’ Jannar 2002. Sa fejn jiftakar hu ma kien hemm l-ebda laqgha u dan proprju ghaliex fil-frattemp hu kien informa lil Joseph Zammit gewwa l-ufficcju tieghu stess fil-prezenza tal-kollega tieghu Frank Xavier Fenech, li l-bank ma kienx f’pozizzjoni jislifhom il-flus minhabba l-eta` taghhom u ghalhekk ma setghux ikomplu bin-negozjati ta’ xiri. Mhux veru li kien hemm ftehim fuq il-prezz. Fil-fatt kellu jinhadem minn awdituri u sa fejn jaf hu lanqas sa dan l-istadju ma kienu waslu. Fil-fatt ma kellu u lanqas qatt ma kellu xi dokumentazzjoni li juri dawn il-*workings*. Mhux veru lanqas li s-segretarju tal-kumpanija dak iz-zmien kien irritorna l-ktieb tal-minuti lid-diretturi l-ohra. Hu jaf fic-cert li xi snin wara, bl-ezatt mhux cert, hu sar jaf kazwalment ghaliex hadd ma kien qallu qatt qabel, il-kollega tieghu kien gabar il-ktieb tal-minuti proprju ghaliex it-tifel tieghu

kien dahal f'negozjati ma' Joseph Zammit sabiex jixtri hu l-ishma tal-kumpanija ARS Ltd kollha, sabiex jivverifika xi affarijiet. Qatt ma ssemma la Dr. Abela, la l-imsemmi abbozz, la qatt ircevieh u lanqas qatt ma tressaq fil-bord jew gie diskuss xi mkien mieghu. Qatt ma gie mgharraf x'kien fih l-abbozz naturalment u jsegwi li ghalhekk qatt ma ghamel proposti jew kontra proposti kif jissuggerixxi Joseph Zammit. Isegwi wkoll li hu qatt ma talab zmien sabiex jiffirma dan l-abbozz. Qal ukoll li lilu Karm Borg qatt ma kellmu dwar abbozz ta' ftehim u dan iddikjarah peress li fl-affidavit tieghu isemmi li ikkorrisponda mad-Diretturi ta' Melita Insurance Brokers Ltd dwarha. Qal li finalment id-diretturi ta' Mira Motor Sales Ltd qatt ma irrizenjaw mill-kariga taghhom ta' diretturi. Wiehed minnhom irrizenja fit-30 ta' Lulju 2006 kif jirrizulta mid-dokument FVF1. Qatt ma kien hemm ftehim sabiex jixtru l-ishma imsemmija, izda biss negozjati li waqfu ftit wara li l-bank infurmahom li ma kienx ser jislifihom il-flus.

"Gie prezentat affidavit ta' <u>Richard Fenech</u> fejn issemma li hu kien impjegat bi shab bejn Melita Insurance Brokers u Mira Motors Sales Limited. Kien wiehed minn tal-bidu. Hu kien jokkupa l-kariga ta' Garage Manager hu jigi wkoll iben wiehed mid-Diretturi tal-kumpanija ARS cioe` Frank Xavier Fenech. Jaf li f'certu zmien il-papa` tieghu kien semma li tal-Mira Motors ma riedux ikomplu fin-negozju u li riedu johorgu mill-kumpanija. Kien jaf ukoll li l-Mira Motors Sales Limited ma kenitx qeghda tiehu xi interess partikolari fil-kumpanija u dan qalu ghaliex f'illi kienu l-hin kollu jibaghtu vetturi tal-marki li huma jimportaw ghat-tiswijiet taghhom u f'illi dawn waqfu kwazi ghal-kollox. Bejn wiehed u iehor ghall-habta ta' l-ahhar tas-sena 2004/2005 hu kien iddecieda li ma riedx jibqa' impjegat u li ried jiftah xi haga ghal-rasu fl-istess generu ta' negozju. Kien ghalhekk li iddecieda li javvicina lil Joseph Zammit, wiehed mid-diretturi fil-kumpanija taghhom u li kellu l-impressjoni li kien hu li jiddeciedi fil-kumpanija Mira Motor Sales Limited. Kien avvicinah fl-ufficju tieghu u kien infurmah li kien interessat li jixtri s-*shares* tal-kumpanija ARS Limited u ried ikun jaf jekk hu kienx preparat ibigh. Hu kien qallu li hu ma setax jghidlu iva jew le, qal li ried jaghmel *board meeting* mad-diretturi l-ohra. Fl-ebda hin

ma qallu li ma kellux ishma xi jbieghlu jew li kien diga ittrasferixxa l-ishma tieghu lil haddiehor, jew li ma kellux x'jaqsam mal-kumpanija. Kien semma din l-ideja wkoll lil Frank Vincent Fenech, direttur iehor u hu wkoll kellu jerga' jkellmu wara li jara l-affarijiet tieghu.

**"KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"Illi f'din il-kawza s-socjeta` rikorrenti talbet li l-Qorti tiddikjara li s-socjeta` intimata Melita insurance Brokers Limited xtrat ix-*shares* fis-socjeta` Auto Repairs & Services Limited, appartenenti lil Mira Motor Sales Limited bi ftehim ta' l-10 ta' Jannar 2002, u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, u hames mitt Liri Maltin (Lm22,500), u talbet lill-Qorti tiddikjara lis-socjeta` intimata responsabbli ghad-danni kagunati lis-socjeta` rikorrenti minhabba l-inadempjenza kontrattwali taghha. Is-socjeta` rikorrenti sostniet li kien intlahaq ftehim mas-socjeta` intimata sabiex is-socjeta` rikorrenti tbigh l-ishma kollha taghha tas-socjeta` Auto Repairs & Services Limited lil Melita Insurance Brokers Limited ghall-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, u hames mitt Liri Maltin (Lm22,500).

"Min-naha l-ohra, is-socjeta` intimata eccepiet li mhux minnu li kien intlahaq ftehim ghall-bejgh jew xiri ta' ishma, izda kien hemm biss diskussjonijiet. Gie eccepit ukoll li giet esplorata l-possibilita` ta' finanzjament bankarju, izda dan il-finanzjament kien gie rifjutat, u ghalhekk qatt ma giet iffirmata skrittura relattiva ghar-rigward tal-bejgh ta' dawn l-ishma, tant li s-socjeta` rikorrenti baqghet attiva fil-kumpanija Auto Repairs & Services Limited.

"Irrizulta li fil-fatt kienu saru diskussjonijiet bejn iz-zewg partijiet fir-rigward tal-bejgh ta' l-ishma tal-kumpanija Auto Repairs & Services Limited. Dan gie konfermat miz-zewg socjetajiet u anke mill-korrispondenza esebita fil-process.

"Di piu`, irrizulta li kien diga gie abbozzat il-ftehim dwar il-bejgh ta' l-ishma tas-socjeta` Auto Repairs and Services Limited, li kellhom jinxtraw mis-socjeta` intimata. Dan huwa esebit a fol 15-16, u 67-68. F'dan il-kuntest ta' min

isemmi li kienet intbaghtet ittra datata 5 ta' Dicembru 2003, fejn is-socjeta` intimata giet interpellata sabiex tersaq ghall-konkluzjoni ta' dan il-ftehim (fol 66). Izda fil-kors tal-provi irrizulta li dan il-ftehim fil-fatt ma giex iffirmat mill-partijiet. Frank Xavier Fenech, fil-fatt, in kontro-ezami, ikkonferma li kellhom interess fl-ishma in kwistjoni u li saru diskussjonijiet, izda cahad li fil-fatt il-bejgh ta' l-ishma kien sar (fol 108 u 109).

“Illi min-naha tas-socjeta` intimata, gie sostnut li ghalkemm huma ippruvaw jinghataw faciltia` bankarja li kienet proprju relatata ma' dan il-bejgh ta' l-ishma, izda din giet rifjutata mill-bank, minhabba l-etajiet taghhom. Min-naha l-ohra, is-socjeta` rikorrenti sostniet li din ma kenitx imposta bhala kundizzjoni, u ma tidhirx fl-abbozz tal-ftehim *de quo*.

“Illi ghalkemm dan huwa minnu, izda ma jistax jinghad lanqas li kien hemm xejn imnizzel la fil-minuti, u lanqas ma jirrizulta mill-atti tal-kaz li gie mnizzel bil-miktub li ntlahaq ftehim u l-kundizzjonijiet marbuta ma' dan il-ftehim. Illi ghajr l-abbozz, ma jezisti xejn iktar bil-miktub. Bil-kuntrarju, fl-ittra datata 5 ta' Novembru 2004, hemm imnizzel hekk:

*“Since then, this company has, on numerous occasions, urged M.I.B. to conclude the transfer of the said shareholding, but for some reason or other, the final agreement has not yet been signed.”*

*“This company is not prepared to delay the matter any further, and we are not prepared to consider signing any documentation for and on behalf of the said A.R.S. pertaining to the period post January 2002 before we conclude the final agreement for the transfer of our shareholding.”* (fol 71 u 72).

“Jinghad li fit-talbiet jissemma l-ftehim ta' l-10 ta' Jannar 2002. Izda dan il-ftehim jew kien verbali jew bil-miktub. Jekk kien verbali mela wiehed irid joqghod fuq id-depozizzjonijiet moghtija izda jekk kien miktub ma jirrizulta ebda ftehim iffirmat f'dan is-sens. Ghalkemm id-diretturi

tas-socjeta` rikorrenti jsemmu l-ftehim il-kundizzjonijiet ma gewx specifikati u certament ftehim ta’ din in-natura kien jiddependi min-numru ta’ kunsiderazzjonijet, fosthom il-modalita` tal-hlas li jidher li kien hemm diskussjonijiet fuqhom pero` li qatt ma gew definitivament konkluzi. Kien logiku wkoll li jekk wiehed iqis li ftehim finali kien intlahaq, kien ikun hemm rizenja ta’ dawk id-diretturi rapprezentanti s-socjeta` attrici billi jirrizenjaw mill-Auto Repairs & Service Limited, haga li gart biss fl-2006. Fl-ahhar bil-fors li l-Qorti jkollha tosserva li kif inhu possibbli li ntlahaq bejn zewg socjetajiet kummercjali fl-2002 u prattikament ma jsir xejn dwaru sal-2006; u anqas isir il-hlas dovut fuqu?

“Ghalhekk il-Qorti bil-fors ikollha tasal ghall-konkluzjoni li ghalkemm kien hemm diversi negozjati, diskussjonijiet u proposti biex possibbilment is-socjeta` intimata jew xi diretturi taghha jixtru minghand is-socjeta` rikorrenti l-ishma fl-Auto Repairs & Services Limited, ftehim finali kif titlob il-ligi dwar bejgh ma ntlahaqx.”

**L-appell tas-socjeta` rikorrenti.**

Is-socjeta` rikorrenti hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors ipprezentat fis-26 ta’ Frar, 2009 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija fejn laghet l-ewwel, ir-raba’ u s-sitt eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata u cahdet it-talbiet attrici u minflok tiddeciedi definittivament din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici appellanti u tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellata.

Is-socjeta` konvenuta appellata pprezentat risposta fit-28 ta’ Ottubru, 2011 fejn sostniet li s-sentenza appellata hija legalment korretta, fattwalment gusta u ghalhekk, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, timmerita konferma bil-konsegwenza li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` appellanti.

Is-socjeta` appellanti bazikament ressqet zewg aggravji kontra s-sentenza appellata billi qed jinghad li:

a) l-ewwel Qorti applikat il-ligi b'mod zbaljat meta sabet li ma ntlahaqx ftehim; u

b) dik il-Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi prodotti.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**Dwar l-ezistenza tal-ftehim**

Qabel xejn jibda biex jinghad li kif jipprovdi l-Artikolu 315 (a) tal-Kodici Civili l-azzjonijiet jew interessi f'socjetajiet kummercjali jew industrijali, ukoll jekk dawn is-socjetajiet ikollhom beni mmobbli taghhom, huma mobbli ghaliex hekk tqishom il-ligi. Isegwi ghalhekk li fit-trasferiment ta' tali azzjonijiet ma huwiex mehtieg il-formalizmu rigoruz, inkluz il-pubblikazzjoni ta' att pubbliku, marbut ma' trasferimenti ta' effetti mmobbli izda, kif jipprovdi l-Artikolu 1347 tal-istess Kap. 16, "*il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta` tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej,* <u>*malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz,*</u> (enfazi ta' din il-qorti) *ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun thallas il-prezz, u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej.*"

Is-socjeta` attrici appellanti ssostni li, f'Jannar 2002 kien intlahaq ftehim bejn il-kontendenti koncernanti t-trasferimenti tal-ishma li s-socjeta` rikorrenti kellha fis-socjeta` Auto Repairs & Services Limited lis-socjeta` intimata versu l-prezz ta' Lm22,500. Is-socjeta` rikorrenti ssostni wkoll li, ghalkemm hija kienet bdiet taghti effett ghal dak il-ftehim billi ma baqghatx tippartecipa attivament fin-negozju tal-istess socjeta` u sahansitra rritornat il-kotba tal-minuti tal-laqghat li kellha fil-pussess taghha, da parti taghha s-socjeta` intimata naqset li tirregistra mal-awtorita` kompetenti tali trasferimenti u naqset ukoll thallas il-konsiderazzjoni miftehema. Kien ghalhekk li gew istitwiti dawn il-proceduri.

Is-socjeta` intimata appellata tilqa' ghall-azzjoni proposta billi ssostni fl-ewwel lok li qatt ma kien intlahaq ftehim

dwar l-akkwist tal-ishma fis-socjeta` Auto Repairs & Services Ltd billi kull ma kien sar kienu trattattivi bejn il-partijiet interessati li qatt ma gew konkjuzi u ghalhekk ma kienx hemm ftehim; fit-tieni lok din is-socjeta` ssostni li fi kwalunkwe kaz dak il-ftehim, jekk kien hemm wiehed, gie rexiss billi kien soggett ghal kundizzjoni li hija tottjeni finanzjament mill-bank li qatt ma nghata.

Ezaminati l-atti din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti, ma tistax taqbel mal-ewwel posizzjoni tas-socjeta` intimata u cioe` li qatt ma kien intlahaq ftehim dwar it-trasferiment tal-ishma msemmija. Infatti minn ezami akkurat tax-xhieda prodotti kif ukoll id-dokumenti esebiti jidher li kien pacifiku bejn il-kontendenti li kien hemm ftehim dwar it-trasferiment tal-ishma fis-socjeta` Auto Repairs and Services Limited.

Fl-affidavit tieghu x-xhud Frank Xavier Fenech, direttur tas-socjeta` intimata (ara fol. 84 sa 86 tal-process) jghid hekk: "*Ma naqbilx li ntlahaq ftehim dwar ix-xiri tal-ishma, fil-fatt qatt ma wasalna u ghalhekk qatt ma tnizzel xejn imkien dwar il-ftehim li ntlahaq jew il-kondizzjonijiet marbuta ma dan il-ftehim."* L-istess xhud inoltre jinnega li qatt saret xi laqgha fid-9 ta' Jannar 2002, meta allegatament gie konkjuz il-ftehim tal-bejgh inkluz il-prezz li kellu jithallas. In sostenn ta' dan huwa jghid li, kuntrarjament ghal dak li kien jigri waqt laqghat ohra, ma jezistux minuti ta' din il-laqgha – konsegwentement, donnu jikkonkludi - din ma saritx. Fl-ahharnett hu jichad li kien intlahaq ftehim fuq il-prezz ta' dawn l-ishma billi jghid li dan il-prezz "*kellu jinhadem minn awditur*" u dan qatt ma tqabbad.

Dwar dan, din il-Qorti tosserva qabel xejn li fil-minuti tal-laqgha li inzammet mis-socjeta` Auto Repairs & Services Ltd fit-18 ta' Dicembru, 2001, meta kien hemm prezenti d-diretturi kollha, gie verbalizzat hekk:

*"Mr F.V. Fenech Camilleri informed the meeting that following the resolution passed by the Board of Directors' meeting of the 5$^{th}$ December 2001 to recommend to the shareholders the winding up of the company, this matter*

*was taken up by the Board of Directors of Melita Insurance Brokers Limited, who after carefull consideration, decided against the winding up of the company and has in fact opted to request its partner in the company, namely Mira Motors Sales Co Limited, to sell its holding in the company to the said Melita Insurance Brokers Limited."*

Fl-istess okkazzjoni u rinfaccjat b'din l-offerta, Joseph Zammit ghall-Mira Motors stqarr li: "*in principle, Mira Motors Sales Co. Limited agrees to sell its holding in the company to Melita Insurance Brokers Limited, and for this purpose, he requested Mr. F.V. Fenech Camilleri to ask the accountant of the company to update the management accounts of the company up to November 2001 and to present same to him by latest the 21st December 2001."* L-istess Joseph Zammit imbaghad kompla hekk: "*Having obtained the management accounts, Mr Zammit informed the meeting that Mira Motor Sales Co Ltd, shall be in a position to work out its asking price to M.I.B. Limited by the first week of January 2002".*

Minn dan jidher li f'dik il-laqgha s-sur Fenech Camilleri kellu mandat, moghti lilu mis-socjeta` Melita Insurance Brokers, (50% *shareholder* fi Auto Repairs & Services Ltd), biex joffri li jixtri l-ishma tas-socjeta` Mira Motors fl-imsemmija socjeta` Auto Repairs. B'dak li hemm imnizzel fil-minuti jidher li dan ix-xhud hekk ghamel u din l-offerta giet accettata minn Joseph Zammit ghall-Mira Motors soggetta ghall-akkordju fuq il-prezz li kellu jigi determinat mill-istess socjeta` rikorrenti u mhux minn auditur, kif qed jissuggerixxi x-xhud Fenech Camilleri, wara li din tinghata l-*management accounts* aggornati. Sa hawn jidher li sar akkordju fuq l-oggett tal-vendita billi l-partijiet qablu li s-socjeta` rikorrent tittrasferixxi lis-socjeta` intimata l-ishma kollha taghha fis-socjeta` Auto Repairs & Services Ltd. Jibqa ghalhekk li jigi determinat jekk intlahaqx ftehim fuq il-prezz, biex b'hekk dak li hu rikjest fl-Artikolu 1347, sabiex il-bejgh jkun perfett, ikun sodisfatt.

Fil-laqgha msemmija tat-18 ta' Dicembru, 2001 is-Sur Joseph Zammit ghall-Mira Motors kien informa lil dawk prezenti li s-socjeta` li kien qed jirraprezenta "*shall be in a position to work out its asking price to M.I.B. Limited by the first week of January 2002."* Effettivament jidher li fis-7 ta' Jannar, 2002 intbaghat avviz mis-socjeta` Auto Repairs & Services Limited lid-diretturi kollha taghha fejn gew infurmati li kienet giet iffissata laqgha ghal nhar l-Erbgha 9 ta' Jannar 2002 fl-10.00 fl-ufficcji taghha li jinsabu 148 Rue D'argens, Msida. Skont dan l-avviz l-'agenda' ghall-imsemmija laqgha kien "***Purchase consideration of the shareholding of Mira Motor Sales Co. Ltd in the company.***"

Is-socjeta` rikorrenti ssostni li f'dik il-laqgha sar l-akkordju fuq il-prezz tal-ishma li kellhom ibiddlu l-idejn u ghalhekk il-bejgh gie perfezzjonat. Ix-xhud Joseph Zammit (ara affidavit fol. 54 *et seq*) f'dan ir-rigward jghid hekk: "*Fil fatt wara li konna qbilna li kellu jsir il-bejgh, ltqajna fid-9 ta' Jannar 2002 sabiex infasslu l-prezz ghas-sehem ta' Mira Motors Sales Ltd. Filfatt l-uniku punt fuq l-agenda kien "**Purchase consideration of the shareholding of Mira Motor Sales Co. Ltd in the company."*** Fil-paragrafu sussegwenti dan ix-xhud ikompli hekk: "*F'din il-laqgha qbielna li Melita Insurance Brokers Ltd kienet ser thallas ammont ta' LM22,500 ghas-sehem tas-socjeta` Mira Motors Sales Ltd fl-ARS."* U kompla hekk: "*Minn dak inhar is-socjeta` Mira Motors Sales Ltd waqfet ikollha x'taqsam mas-socjeta` ARS, tant li s-segretarju tal-kumpannija (li kien ukoll financial controller ta' Mira Motors Sales Ltd) irritorna l-ktieb tal-minuti lid-diretturi l-ohra ta' l-ARS u jien u hija waqafna ikollna x'naqsmu mal-kumpannija tant li waqafna nattendu laqghat tad-diretturi u fil-fatt kienu waqfu jinfurmawna b'dawn il-laqghat……."*

Din ix-xhieda hija korroborata minn Karm Borg, segretarju tas-socjeta` ARS li bhala tali kien jiehu hsieb li jsejjah il-laqghat taghha. Dan ikkonferma li din il-laqgha kienet saret billi jghid hekk: "*Nghid li ftit wara l-laqgha tad-<u>9 ta' Jannar 2002</u>, gie fuqi d-direttur Frank X. Fenech u talabni l-ktieb tal-minuti, registru tas-socji u d-dokumenti finanzjarji li kelli tal-kumpannija u dana peress li huma (is-*

*socjeta` Melita Insurance Brokers) kienu ftehmu li jixtru l-kumpannija.*" Spjega wkoll dan ix-xhud li stante li kien intlahaq ftehim fuq il-bejgh tax-*shares* lill-Melita Insurance Brokers Ltd hu ma kellu l-ebda interess fl-amministrazzjoni tal-ARS u konsegwentement waqaf jaghmel xoghol ghal dik is-socjeta`. Dan ix-xhud kompla jghid li in segwitu` ghal din il-laqgha u l-akkordju dwar il-bejgh huwa beda jikkorrispondi mad-diretturi tal-kontendenti u l-avukat ta' Mira Motors biex tigi abbuzzata l-iskrittura u meta din kienet redatta huwa kien gera wara Melita Insurance sabiex tiffirma izda din irrifjutat mhux ghax ma kienx intlahaq ftehim izda billi sostniet li dan in-negozju kien *subject to bank loan*. Dwar din l-allegazzjoni tas-socjeta` intimata l-istess xhud ighid "*Dana nista' nikkonferma li ma hux minnu ghaliex qatt ma gie impost kundizzjoni bhal dik fuqna.*"
Min-naha tas-socjeta` intimata r-rapprezentati taghha fuq il-bord ta' Auto Repairs & Service Ltd jinnegaw li qatt saret il-laqgha tad-9 ta' Jannar 2002 u konsegwentement li qatt ma sar akkordju fuq il-prezz tax-*shares*. Din l-affermazzjoni taghhom hija bbazata fuq il-fatt li ma jezistux "minuti" ta' din il-laqgha.

Rinfaccata b'din id-divergenza din il-Qorti tosserva li huwa rrilevanti jekk inzammitx laqgha formali fid-9 ta' Jannar, 2002 fl-ufficcji tas-socjeta` Auto Repairs & Services Ltd. Wara kollox il-prezz ghat-trasferiment tal-ishma bejn socjeta` u ohra fis-socjeta` Auto Repairs & Services Ltd ma kienitx kif jinghad bl-ingliz "*a company matter*" billi l-konsiderazzjoni ghat-trasferiment tal-ishma kienet tikkoncerna lis-socji li kienu ser jidhlu f'dak in-negozju u s-socjeta` li l-ishma taghha kienu qed jigu trasferiti ma kienitx ser tigi effettwata u lanqas kien jinteressaha l-prezz tal-bejgh. Setgha ghalhekk semplicement issemma l-prezz minn parti u dan accettat minn parti ohra.

L-importanti ghad-determinazzjoni ta' din il-vertenza huwa jekk effettivament sarx akkordju fuq il-prezz. Kif u *come* mhux relevanti. F'dan il-kuntest bizzejjed jigi osservat li skont avviz mahrug fis-7 ta' Jannar 2002, li kopja tieghu tinsab a fol. 57 tal-process; certament jidher li d-diretturi kollha tas-socjeta` Auto Repairs gew infurmati li "*a*

*meeting has been fixed for Wednesday the 9th January 2002 at 10.00 hours at our offices at 148, Rue D'argens, Msida"* liema laqgha kellha l-iskop specifiku li tigi diskussa l-"*Purchase consideration of the shareholding of Mira Motors Sales Co. Ltd in the company."* Huwa veru li hija stramba li ma hemmx minuti ta' din il-laqgha, biss jidher li wara din il-laqgha s-socjeta` rikorrenti warrbet mit-tmexxija tas-socjeta` Auto Repairs & Services Ltd kif issostni l-istess socjeta` intimata fid-dikjarazzjoni taghha annessa mar-risposta ghar-rikors promotur. Infatti fil-paragrafu 6 tal-istess dikjarazzjoni jinghad hekk: "*Li mis-sena 2002 'il quddiem is-socjeta` rikorrenti wriet disinteress totali fl-andament tal-kumpannija Auto Repairs & Services Limited (li dwar l-ishma ta' din il-kumpannija saret il-kawza)……"* Dan juri li zgur sehh xi haga fil-bidu ta' Jannar tas-sena 2002 li, b'rizultat tieghu, il-partijiet kienu qed jikkunsidraw li s-socjeta` Mira Auto Sales ma kienitx aktar tifforma parti mis-socjeta` Auto Repairs & Services Ltd.

Infatti dan il-hsieb tal-Qorti huwa konfermat minn dak li ntqal f'korrispondenza li ghaddiet bejn is-socjetajiet li turi, bla ebda dubbju li kien intlahaq ftehim. F'ittra ta' Anthony Cassar, konsulent tas-socjeta` intimata, datata 3 ta' Gunju, 2005, wara li ghamel referenza ghall-ittra tieghu tat-22 ta' Novembru, 2004 kompla hekk: *"As you are aware, the transfer of 50% shareholding in ARS cannot be effected as the prospective acquiring partner is not liquid enough to buy these shares <u>at the agreed price</u>".* Minn dan jidher li certament kien hemm ftehim dwar prezz.

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-korrispondenza li ghaddiet bejn dan Anthony J. Cassar (ghal Melita Insurance Brokers Ltd) u Karm Borg (ghal Mira Motors Sales Ltd). Din il-korrispondenza hija prova ohra tal-ftehim li kien intlahaq bejn il-kontendenti. Infatti f'ittra ta' Karm Borg tal-5 ta' Novembru 2004 li, ghalkemm indirizzata lis-socjeta` Auto Repairs & Services Ltd billi kienet tikkoncerna certa dokumenti u rezoluzzjoni mghoddija minn din is-socjeta`, effettivament giet mghoddija lil Anthony Cassar ghal MIB jinghad hekk:

*"As you are very well aware, during January 2002, this company* (Mira Motors) *had reach an understanding with Melita Insurance Brokers Limited (M.I.B.) for* *<u>the transfer</u>* *of this company's 50% shareholding in A.R.S. and since then, and as part of the said understanding reached with M.I.B., this company has not participated in any manner whatsoever in the operations of the said A.R.S.*"

B'risposta ghal dan, Anthony J. Cassar ghal M.I.B., wara li ddikjara li kopja ta' din l-ittra kienet giet mghoddija lilu, kompla hekk:

*I have gone through the documents regarding* *<u>an undertaking by Melita Insurance Brokers Ltd, for a transfer of 50% shares holding in ARS</u>*. *I have also discussed the matter in detail with the shareholders of MIB and would like to inform you that the reason why this transfer was not effected to date was due to the fact that* *<u>the Company lacks the funds required for such a transfer</u>*."

Minn dan jidher li kien hemm obbligazzjoni cara u esplicita li l-MIB kienu accettaw li jixtru l-ishma ta' Mira Motors fis-socjeta` Auto Repairs & Services Ltd versu prezz miftiehem. Pero` jidher ukoll li dawn u cioe` l-MIB kienu naqsu li jeffettwaw il-hlas u r-registrazzjoni tat-trasferiment billi ma kellhomx fondi.

Din il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li kien intlahaq ftehim dwar l-imsemmi trasferiment tal-ishma.

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta` intimata ssostni wkoll li anke jekk kien intlahaq ftehim dan kien suggett ghall-otteniment ta' finanzjament mill-bank li ma nghatax.

Dwar dan, din il-Qorti tosserva li mill-korrispondenza fuq riporata l-finanzjament minn bank qatt ma kien issemma izda kien qed jigi allegat biss li s-socjeta` (cioe` l-MIB) ma kellhiex fondi bizzejjed. Kien biss fl-2006 li jissemma finanzjament minn bank u li dan kien gie rifjutat, anzi fl-affidavit ta' Frank Vincent Fenech (fol. 89) jinghad li "*l-*

*bank ma kienx f'posizzjoni jsellfilna l-flus minhabba l-eta taghna*". Hawn il-Qorti ssaqsi min kien ser jixtri l-ishma – il-Melita Insurance Brokers Ltd jew Frank Vincent Fenech u Frank X Fenech personalment billi l-konsiderazzjoni tal-bank imsemmija mix-xhud Frank Vincent Fenech ma kienitx tkun floka f'kaz li kienet ser tkun l-M.I.B. li ser tixtri. Izda apparti dan kollu din il-Qorti tosserva li apparti l-fatt li s-socjeta` intimata indikat lir-rapprezentanti tal-Bank of Valletta bhala xhieda u fin-nota spjeggattiva tal-24 ta' April 2007 (maghmula in ottemperanza tal-ordni tal-Qorti tal-31 ta' Ottubru, 2006) iddikjarat li dawn ir-rapprezentanti tal-Bank kienu mehtiega "*sabiex jixhdu dwar id-diskussjonijiet dwar il-finazjament tat-trasferiment ta' l-ishma*" ebda rapprezentant tal-Bank fejn allegatament saret it-talba ghall-finanzjament u giet rifjutata ma tressqet. Tali prova, li setghet facilment issir u certament relevanti fic-cirkostanzi, setghet, kieku tressqet titfa dawl iehor fuq l-allegazzjoni tas-socjeta` intimata izda fl-assenza ta' din il-prova din il-Qorti ma tistax toqghod fuq asserzjoni vaga li wara kollox, hija totalment michuda mill-kontro-parti. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax taccetta li t-trasferiment tal-ishma kien suggett ghal xi kundizzjoni ta' finanzjament.

Tenut kont tal-fuq espost din il-Qorti tikkonkludi li l-bejgh tal-ishma li s-socjeta` Mira Motors Sales Limited kellha fis-socjeta` Auto Repairs & Services Limited lis-socjeta` Melita Insurance Brokers Limited kien konkluz fl-ewwel gimgha ta' Jannar 2002 meta intlahaq il-ftehim dwar l-oggett tal-bejgh u l-konsiderazzjoni u konsegwentement tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta` rikkorrenti s-somma ta' tnejn u hamsin elf, erba' mija u ghaxar Euros u disghin centezmi (€52,410.90) rapprezentanti prezz tal-bejgh tal-istess ishma kif ukoll tikkundanna lill-istess socjeta` thallas l-imghax ta' tmienja fil-mija mid-9 ta' Jannar 2002 u dan a tenur tal-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qeghdha tirrevoka s-sentenza appellata u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara li Melita Insurance Brokers Limited xtrat ix-*shares* fis-socjeta` Auto Repairs & Services Limited appartenenti lis-socjeta` Mira

Motor Sales Limited u dan bi ftehim tad-9 ta' Jannar, 2002; konsegwentement tikkundanna lill-istess Melita Insurance Brokers Limited thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tnejn u hamsin elf, erba' mija u ghaxar Euros u disghin centezmi (€52,410.90) rapprezentanti prezz tal-bejgh tal-istess ishma kif ukoll tikkundanna lill-istess socjeta` thallas l-imghax ta' tmienja fil-mija mid-9 ta' Jannar 2002 u dan a tenur tal-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in linea ta' danni.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk in prim istanza, ikunu a karigu tas-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------